



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

8897/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0051(NLE)

IXIM 108
ENFOPOL 181
JAIEX 29
AVIATION 76
CDN 5

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' <i>data</i> tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea
dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' *data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 16(2) u l-Artikolu 87(2), il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' [data] (għadu mhuwiex ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali)

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/...²⁺, il-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' *data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'*data* aktar tard.
- (2) Il-Ftehim jipprevedi t-trasferiment tad-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri lill-Kanada għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja u terroriżmu.
- (3) Il-Ftehim jiżgura r-rispett sħiħ għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u familjari, id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust kif rikonoxxuti fl-Artikoli 7, 8 u 47, rispettivament, tagħha.. B'mod partikolari, il-Ftehim jinkludi salvagwardji adegwati għall-protezzjoni ta' *data* personali trasferita skont dan.

² Id-Deċiżjoni (UE) 2024/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (ĠU L..., ELI ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza għad-Deċiżjoni li jinsab fi ST 8895/24 u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim li jinsab fi ST 8896/24.

- (4) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat, permezz ta' ittra tal-25 ta' April 2024, ix-xewqa tagħha li tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ta l-Opinjoni tiegħu 15/2024 fid-29 ta' April 2024.
- (7) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat.
- (8) F'konformità mat-Trattati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel in-notifiki previsti fl-Artikolu 31 tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' *data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni³⁺.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tipproċedi, f'isem l-Unjoni, billi tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 31 tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim⁴.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,...

Għall-Kunsill

Il-President

³ It-test tal-Ftehim huwa ppublikat fi ĠU ...

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza tal-ĠU tal-ftehim li jinsab fi ST 8896/24 fin-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

⁴ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.